MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 412/2009

**Lawrence Farrugia**
**Vs**
**Renald Dalli (K.I. 34346M) u Emanuela Dalli (K.I. 1049346M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ tliet elef, mija wiehed u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (€3,151.14) oltre l-imghax rapprezentanti prodotti ta’ *cleaning materials* u *toilet requisites* konsenjati u mhux imhallsa.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti baqghu ma hallsux.

Bl-imghax minn Mejju, 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li permezz ta' nota ta' riduzzjoni pprezentata fit-12 ta' Ottubru, 2010, l-attur irriduca s-somma fit-talba ghall elf sitt mija tnejn u hamsin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,652.26).

Ra li permezz ta' nota ta' riduzzjoni ulterjuri ipprezentata fis- 16 ta' Settembru, 2011, l-attur irriduca s-somma fit-talba ghall ghal elf u zewg ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,002.26).

Illi t-Tribunal ra li fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010 deher il-konvenut li kien ta' ruhu b'notifikat bl-atti kollha tal-kawza inkluz dawk ta' Emanuela Dalli. Izda baqa' qatt ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra mill-atti li l-konvenuti ma pprezentawx ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal sema' lil Lawrence Farrugia jixhed illi l-ammont ghadu dovut mill-konvenuti.

Ra li permezz ta' nota ta' riduzzjon ulterjuri pprezentata fl-1 ta' Jannar, 2011, l-attur irriduca s-somma fit-talba ghal sitt mija tnejn u hamsin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€652.26), oltre l-imghaxijiet legali u spejjez gudizzjarji.

Ra li wara li sema' l-provi tal-attur it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghall-provi tal-konvenuti izda l-konvenuti baqghu ma dehrux u ghalhekk it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jippruvaw il-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur fis-somma ta' sitt mija tnejn u hamsin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€652.26) bl-ispejjez kif mitluba u bl-interessi mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------